**MALTA**

**TRIBUNAL TAT-TALBIET ZGHAR**

**Gudikant - Dr Anna Mallia**

**Data tad-decizjoni: 08 ta' Lulju, 2016.**

**Talba numru: 35/2016AM3**

**Numru fuq il-Lista: 20**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, Triq De Soldanis, Santa Venera**

**Vs**

**Karl Hili (ID 403494M)**
**12, Rosebud, Triq ix-Xewk,**
**Paola**

**It-Tribunal,**

Jirrileva li din hija decizjoni dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ra t-talba tal-Awtorita' attrici li permezz taghha qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Awtorita' s-somma ta' elf mitejn u sittin ewro u tmenin

centezmu (€1,260.80) rapprezentanti d-danni u l-hsara kkawzati mil-konvenut fid-09 ta' Frar, 2014 li waqt li l-konvenut kien qed isuq l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBB 382 habat ma' hajt u ghamel hsara lill-istess fi Triq l-Infetti, Mdina.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni 'rationae materiae' sabiex dan l-kaz jinstema u jigi deciz minn dan it-Tribunal u dana stante li si tratta dwar tilwima u dwar it-traffiku ta' Vetturi bil-Mutur u talba ma teccedix il-valur ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin euro centezmu (€11,646.87c) u li kwindi ghandha tigi determinata b'arbitragg mandatarju ai termini tar-Raba Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi l-konvenut ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-Awtorita' attrici oltre r-risposta dwar il-mertu.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet u min-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut qed jinvoka l-Artikolu 1.2 tar-Raba Skeda tal-Kap 287 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 1.2(b) tar-Raba Skeda tal-Kap 387 li jitkellem dwar tilwimiet dwar it-Traffiku ta' vetturi bil-mutur u paragrafu 1.2(b) jitkellem dwar hsara involontarja fil-proprjeta' li tinvolvi l-vetturi.

Illi meta l-incident ikun sehh minhabba xi haga li ma jkollhiex x'taqsam mas-sewqan bhal per ezempju meta jaqa' xi hajt fuq vettura pparkjata, f'dan il-kaz dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni u dan anke kif gie deciz minn diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fosthom fil-kawza **Joseph Ciscaldi noe vs Nicholas Camilleri (Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri per RCP) deciza 19 ta' April, 2012 f**ejn il-qalet hekk:

"Illi din l-Qorti thoss li l-kliem tal-Ligi huwa car fis-sens li fejn hemm hsara fuq proprjeta' li tikkonsisti f'vettura u liema hsara qed jigi allegat li giet ikkawzata involontarjament mela allura tali mertu huwa suggett ghall-arbitragg mandatarju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1.2(b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap 387 u dan stante li tali disposizzjonijiet mhux limitati biss ghall-hsara kkawza fil-vetturi kawza ta' kollizjoni bejn tnejn jew aktar li huwa kopert bl-Artikolu 1.2.(a) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap 387 izda wkoll ghal-

hsara fil-proprjeta' li tikkonsisti f'vettura mbasta kkawzata b'mod involontarju u dan kif indikat proprju fl-Artikolu 1.2.(b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap 387."

It-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghal gurisprudenza dwar din l-eccezzjoni moghtija minn dan it-Tribunal diversament presedut fil-kawza fl-ismijiet **Atlas Insurance PCC Limited et vs Roberto Borg et tal-15 ta' Lulju, 2013.** F'din is-sentenza gie stabilit li jekk il-hsara hija kawzata meta l-vettura tkun qed tigi misjuqa dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni.

Illi fit-talba taghha l-Awtorita' attrici tiddikjara li l-hsara grat meta huwa habat ma' hajt bil-vettura tieghu BBB 382 u ghalhekk jirrizulta car li l-hsara grat meta l-vettura kienet qed tigi misjuqa u ghaldaqstant dan it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u jiddikjara li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza jisma din l-kawza.

Spejjez jithallsu mill-Awtorita' attrici.

**Av Anna Mallia**

**Gudikant**